MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 1805/2000/1

**Anna Zammit**

**Vs**

**1. Carmelo Zammit;**
**2. Joseph Camilleri;**
**3. B'digriet tal-Qorti tad-19 ta' Settembru 2000 gie konfermat Joseph Camilleri sabiex jirrapprezenta lill-minuri Adon Zammit;**
**4. Id-Direttur tar-Registru Pubbliku ghal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attrici u l-konvenut Carmelo Zammit zzewgu f'Malta fis-27 ta' Dicembru 1981, filwaqt illi l-minuri Adon Zammit, rapprezentat f'dawn il-proceduri permezz ta' kuraturi deputati, twieled fit-tnejn (2) ta' Novembru 1994 kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid numru 5043 ta' l-1994 anness ma' l-att tac-citazzjoni;

Premess illi ghalkemm fic-certifikat tat-twelid imsemmi gie dikjarat illi missier tat-tarbija kien il-konvenut Carmelo Zammit, fil-fatt il-minuri Adon gie koncepit fil-kors ta' relazzjoni adultera li l-attrici kellha mal-konvenut Joseph Camilleri;

Premess illi l-attrici ghandha interess illi tigi dikjarata l-paternita` reali tal-minuri Adon Zammit;

Premess illi l-paternita` tal-minuri Adon tista' tigi stabbilita permezz ta' testijiet genetici appoziti;

Talbet ghalhekk l-attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-konvenut Joseph Camileri huwa l-missier naturali tal-minuri Adon Zammit u mhux Carmelo Zammit;

2. Tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tal-minuri Adon Zammit (Att Numru 5043 ta' l-1994) billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom missier Adon Zammit tikkancella l-isem "Carmelo Zammit" u tissostitwih bl-isem "Joseph Camilleri" u tordna wkoll illi l-partikolaritajiet relattivi ghall-professjoni, sengha jew stat iehor, ghall-eta`, ghall-post tat-twelid u ta' residenza, u ghal isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghal missier Adon Zammit, jigu korretti konsegwentement billi jigu sostitwiti b'dawk il-partikolaritajiet li sejrin jirrizultaw waqt is-smigh tal-kawza;

Bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attrici u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi dwar il-mertu tac-citazzjoni odjerna huwa mhuwiex edott mill-atti kif allegati mill-attrici;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, ghas-success ta' l-azzjoni odjerna tinhtieg il-prova ta' l-impossibilita` fizika ta' koabitazzjoni bejn il-konjugi Anna Zammit u Carmelo Zammit fil-perjodu tal-probabbli koncepiment tat-tarbija;

3. Illi wkoll bla pregudizzju, ghandu qabel xejn isir id-debitu avviz fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16;

4. Illi inoltre u bla pregudizzju, f'kaz li jintlaqghu t-talbiet attrici, ghandhom jigu kancellati l-kliem "the said" mill-kolonna li tirreferi ghal partikolaritajiet ta' l-omm;

5. Illi fi kwalunkwe kaz, ic-cirkostanzi li taw lok ghall-kawza odjerna huma ghal kollox estranei ghal konvenut li allura m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti;

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Camilleri li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi l-minuri Adon Zammit huwa l-wild naturali ta' l-eccipjenti u ghaldaqstant m'huwiex qieghed jikkontesta t-talba attrici;

2. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut Joseph Camilleri u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Carmelo Zammit li fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi huwa kien qieghed jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni ta' din il-Qorti;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut Carmelo Zammit u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tat-18 ta' Gunju 2001 li permezz tieghu gie nominat Christopher Farrugia bhala espert sabiex isiru t-testijiet xjentifici permezz tad-DNA;

Rat ir-relazzjoni ta' l-espert nominat li tinsab a fol. 33 *et sequitur* tal-process;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Bil-prezenti istanza l-attrici qed timpunja l-paternita` ta' binha minuri Adon. Azzjoni din prospettata fl-Artikolu 77 u moghtija "lil kull minn ikollu interess". Artikolu dan introdott fil-ligi permezz ta' l-Ordinanza Nru. 1 ta' l-1873. Kif jinghad fid-decizjoni a **Vol. VIII pagna 29**, il-ligi "*concesse diritto a chiunque vi avesse interesse per impugnare la legittimita`*";

Illi biex tirnexxi f'din l-azzjoni taghha l-attrici jehtigilha tipprova illi fiz-zmien bejn it-tlett mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel zewgha kien fl-impossibilita` fizika li jghammar maghha peress li kien il-boghod minnha;

Fil-passat skond kif manifest mill-gurisprudenza din l-"impossibilita fizika" kienet biss tigi accettata fil-kaz ta' "accertata assenza di costui (ir-ragel) da queste Isole da molto tempo prima del concepimento e durante la gestazione ed all'epoca del parto" (**Vol. XXVI P I p 177**);

Illum, b'rizultat ta' l-emendi apportatati ghal Kodici Civili taghna in materja ta' filjazzjoni din l-impossibilita` fizika tista' tirrizulta minn cirkostanzi ohra. *Ad exemplum*, in-nuqqas ta' rijunjoni ta' l-attrici ma' zewgha. Jew il-prova illi omm it-tifel ma ghammritx ma' zewgha anke jekk dan kien possibbli, jew ma kellhiex rapporti sesswali mieghu;

Fil-kaz in ezami ma ngiebetx prova f'dan is-sens. U effettivament hadd mill-partijiet ma xehed f'din il-kawza. Kull ma nsibu hu biss l-ammissjoni tal-konvenut Joseph Camilleri (fol. 24) fejn iddikjara li hu l-missier naturali tal-minuri u l-konfessjoni ta' l-attrici li accettat fid-Dikjarazzjoni taghha (fol. 3) illi l-minuri gie koncepit mir-relazzjoni adulterina mal-precitat konvenut. Mill-bqija zewg l-attrici l-konvenut Carmelo Zammit (fol. 27) irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti;

Dan ma huwiex strettament dak li trid il-ligi, u kieku ma kienx ghar-rizultat ta' l-ezami genetiku l-Qorti ma kienx ikollha l-ebda ezitu hlief li tichad id-domandi attrici. Dan ghaliex f'materja ta' filjazzjoni l-Qorti trid tkun ferm rigoruza u attenta fejn tkun qed tigi attakkata l-legittimita` tal-minuri. Dan ghar-raguni illi akkoljiment legger jista' jwassal ghat-trasformazzjoni ta' l-istat tal-minuri meta dan ma jkunx hekk konsentit. U dan kapaci jkollu konsegwenzi avversi u negattivi ghall-interess ta' l-istess minuri;

L-izvilupp fil-medicina genetika llum irrenda l-kompitu ta' min irid jiggudika anqas pezanti minn dak ta' zmenijiet ohra u ghamilha possibbli li l-Qorti tiggudika l-kaz hekk delikat b'kuxjenz aktar kwieta;

Effettivament l-istess ligi takkorda piz sinifikanti hafna lill-prova konsegwita bl-accertamenti genetici anke ghaliex din tikkreja certezza assodanti tal-vera qaghda tal-

paternita`, u kapaci telimina l-element incert mahluq bil-presunzjoni tal-ligi tramandata mid-Dritt Ruman u kollokata fl-Artikolu 67 tal-Kodici Civili;

Tabilhaqq mill-qari tat-test misluf mill-Artikolu 70(1)(d) il-ligi donnha timponi obbligatorjeta` fil-kaz ta' provata relazzjoni adultera, ghal konduzzjoni ta' l-ezami genetiku jew ematologiku.  Tali ezami hu fakoltattiv fil-kazijiet l-ohra.  Pero` anke jekk mhux koercibbli l-gudikant ghandu in forza tal-ligi d-dritt li jiddezumi l-konkluzjonijiet li jidhirlu hekk gustifikati jekk parti ma tkunx trid taghmel dawk l-ezamijiet;

Fil-kaz in ezami jirrizulta bhala element probatorju qawwi r-rizultat tad-DNA (fol. 33 sa fol. 38) fejn permezz tieghu gie accertat u sabbilit illi l-konvenut Joseph Camileri huwa l-missier bijologiku tal-minuri.  L-istess rizultat jeskludi ghal kollox lill-konvenut Carmelo Zammit, zewg l-attrici, bhala l-missier dikjarat tat-tifel;

Fic-cirkostanzi u fuq il-bazi ta' dawn l-ezamijiet u rizultati dwarhom il-Qorti hi sodisfatta li dawn jeskludu l-pretiza "*favor legittimatis*" krejata bl-att tat-twelid.  Fl-istess waqt jiddimostraw il-paternita` vera tal-minuri.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi fl-ewwel lok tiddikjara illi l-konvenut Joseph Camilleri huwa l-missier naturali tal-minuri Adon u mhux il-konvenut Carmelo Zammit;

Tilqa' t-tieni talba attrici u tordna illi jsiru l-korrezzjonijiet opportuni fl-Att tat-Twelid ta' l-imsemmi minuri Numru ta' Registrazzjoni 5043/1994 (fol. 42) billi jithassar minnu kull referenza ghall-konvenut Carmelo Zammit u l-konnotati riferibbli ghalih u invece dan jigi sostitwit bl-isem "Joseph Camilleri", "plasterer", "30", "Zurrieq", "Zurrieq", "Gerald Camilleri (Alive)".

L-ispejjez tal-kawza jibqghu konguntement a kariku ta' l-attrici u tal-konvenut Joseph Camilleri, fi kowti ndaqs bejniethom.

--------------------------------TMIEM--------------------------------